**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 362/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ann Vella Wismayer**

Illum, 26 ta' April 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Ann Vella Wismayer, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0869252M, akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-28 ta' Lulju 2022 għall-ħabta ta' bejn 17:00hrs u 18:00hrs ġewwa dawn il-gżejjer u fi Triq Dun Karm Psaila, Sliema, mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita' dritt li tippretendi li għandha, ġiegħlet bl-awtorita' tagħha nnifsha lil John Seychell Navarro iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixklet lil John Seychell Navarro fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħlet fi ħwejjeġ ta' ħaddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Ottubru 2023, fejn il-Qorti, sabet lill-imputata ħatja u kkundanata għal multa

ta' tmienja u ħamsin Ewro u ordnat lill-imputata tagħti l-fakulta' lil parte ċivile biex iqabbad l-appartament tiegħu mal-*intercom*.

Rat ir-rikors tal-appellanti, Ann Vella Wismayer, ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2023, fejn talbet lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura fl-20 ta' Ottubru 2023 u minflok, prevja d-dikjarazzjoni li l-imputazzjoni dedotta kontra l-esponenti ma tirriżultax, tilliberaha minn kull akkuża, ħtija u piena.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata nhar it-23 ta' Jannar 2024.

Rat ir-risposta u n-nota t'osservazzjonijiet tal-parte ċivile John Seychell Navarro datata 16 ta' Jannar 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-uniku aggravju minnha vventilat, l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha u riżultat ta' hekk hija ma kellha qatt tinstab ħatja tar-reat tar-*raġġion fattasi* lilha addebitat.

Illi madanakollu qabel ma tinoltra ruħha f'eżami ta' dan l-aggravju l-Qorti ma tistax ma tqanqalx ex officio in-nullita tas-sentenza appellata u dan għaliex din tippekka serjament meta fiha ma hemmx indikat id-disposizzjoni tal-liġi li abbażi tiegħu instabet il-ħtija, bl-Ewwel Qorti tgħid sempliċement li "rat l-artikolu indikat", iżda fejn hu indikat dan l-artikolu ma issemmiex u mkien fis-sentenza appellata m jirriżulta illi kienet qiegħda tinstab ħtiha abbażi tal-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi, l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> **"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti illi tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."** **(enfasi ta' dina l-Qorti)**

Illi, għalhekk jidher ċar li r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab ħtija.

Illi, lanqas fil-parti deċiżorja ma ġie indikat l-artikolu tal-liġi li fuqu kienet imsejsa il-ħtija fejn hemm hekk deċiż:

> **Għaldaqstant peress li tirriżulta, issib lill-imputata ħatja u tikkundanaha għal multa ta' tmienja u ħamsin ewro (€58) u tordna lill-imputata tagħti l-fakulta' lil parte ċivile biex iqabbad l-appartament tiegħu mal-intercom.**

Illi, għalhekk huwa evidenti li la fil-parti deċizorja u lanqas imkien fis-sentenza appellata ma hemm indikat l-artikoli tal-liġi li jitkellmu fuq ir-reat jew ir-reati li dwarhom qed tinsab ħtija fil-konfront tal-appellanta. Jikkonsegwi illi wieħed mir-rekwiziti essenzjali stipulati fl-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa għal kollox mankanti, liema mankanza effettivament twassal għan-nullita' ats-sentenza appellata.

Illi l-Qorti għalhekk qed tiddikjara is-sentenza appellata nulla, u bis-setgħa mogħtija lilha fl-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali ser tgħaddi beix tiddeċiedi l-każ mill-ġdid bl-aggravju tal-appellanti jitqies bħala argument fil-mertu.

Ikkunsidrat:

L-appellanti hija mixlija bir-reat hekk imsejjaħ ta' *raggion fattasi,* bl-att materjali tar-reat jkun il-bdil, mingħajr il-kunsens tal-parti offiża, taċ-ċavetta tal-bieb ta' barra komuni flimkien mas-sistema ta' *intercom*, ta' blokk ta' tlett appartamenti fejn hija sid ta' l-appartamenti bin-numri 2 u 3, filwaqt li l-parti offiża huwa sid tal-appartament

bin-numru 1, li fiż-żmien tal-allegat kommissjoni tar-reat kien mikri lil ċertu Nathalie Urpani.

L-appellant issostni li ma tistax tinstab ħatja ta' dan ir-reat billi il-bdil minnha effetwat sar għaliex l-*intercom* kien bil-ħsara u ma setax jissewwa u allura kull darba l-bieb komuni ta' barra irid jinfetaħ fiżikament b'inkonvenjenza għal kulħadd. Għalhekk hija ħadet l-izbriga li tbiddel dan l-*intercom* u għaddiet żewġ kopji taċ-ċavetta tal-bieb ta' barra lill-inkwilina tal-appartament proprjeta' tal-parti offiża, ċertu Nathalie Urpani, waħda għaliha u waħda għas-sid u ċioe' l-kwerelant John Seychell Navarro, u dan wara li nfurmatha dwar il-bdil ta' dan l-intercom, fejn din Urpani ma kellheix oġġezzjoni għalkemm ma riditx tikkontribwixxi għall-ispiża. Inoltre l-appellanti tikkontendi illi hija proprjetarja taż żewġ appartamenti minn blokka ta' tlieta u kwindi għandha is-sehem maġġoritarju li f'sitwazzjoni fejn ma hemm ebda assoċjazzjoni ta' kondominji kwindi għandha is-setgħa li tieħu kull deċiżjoni meħtieġa fir-rigward tal-partijiet komuni. Tikkontendi illi l-bdil tal-*intercom* seħħ minħabba neċessita' , li hija tqanqal ukoll bħala difiża għaliex dan kien ilu żmien ma jaħdimx. Kwindi f'dan ix-xenarju tisħaq illi ma jissussistux l-elementi ta' dritt li jsawwru ir-reat ta' raggion fattasi.

Il-parti offiża minn naħa tiegħu jargumenta illi bil-fatt illi arbitrarjament l-appellanti biddlet is-sistema tal-*intercom* tal-blokka ta'l-appartartamenti mingħajr il-kunsens tiegħu, b'tali mod illi kien lilu impedut l-aċċess liberu għal entratura u l-partijiet komuni, iwassal għar-reita'.

Illi r-reat ta' raggion fattasi, regolat mill-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandu fil-qafas tiegħu s-segwenti elementi ta' dritt kif stabbiliti fil-ġurisprudenza b'mod kopjuż:

> **a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;**
> **b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;**
> **c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;**

**d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;**[1]

Illi d-dritt reklamat mill-parti offiża huwa dak tat-tgawdija tal-partijiet komuni u dan permezz ta' aċċess illi huwa għandu mill-bieb ta' barra tal-blokka tal-appartament għall-entratura li twassal għal proprjeta' tiegħu. Illi jingħad minnufih illi dan id-dirtt ma ġiex lilu mċaħħad mill-appellanti u dan għaliex jirriżulta ippruvat u lanqas ikkontestat illi hija għaddiet żewġ kopji taċ-ċavetta tal-bieb ta' barra lill-inkwilina fl-appartament proprjeta' tal-parti offiża, waħda għaliha u waħda għas-sid, sabiex b'hekk ma kienx hemm xi vjolazzjoni fid-dritt ta' tgawdija tal-użu tal-partijiet komuni kif reklamat. Ukoll lanqas ma jista' jingħad illi lill-parti offiża ġie lilu impedut il-jedd li juża' l-intercom meta dan inbidel ma ma ġiex ikkomunikat mal-appartament numru 1 għaliex dan ma kienx qed jaħdem bil-konsegwenza illi ma kienx hemm xi jedd ta' tgawdija li ġie użurpat b'mod arbitraju, bl-appellanti tikkontendi illi ma setatx tikkomunika l-intercom il-ġdid mal-appartament tal-parti offiża għaliex ma ingħatatx aċċess beix tagħmel dan, għalkemm dejjem infurmat lill-inkwilina b'dak li kien qed jiġri. Anke il-ħsara li kien hemm fil-ħajt fejn ġie isntallat l-intercom jidher illi huwa isewwa u tkaħħal għas-spejjeż ukoll tal-appellanti.

L-appellanti lanqas ma tikkontendi illi hija aġixxiet għaliex kellha dritt tagħmel dan, għalkemm irreklamat favur tagħha drittijiet ta' kondominju bħala l-persuna li għandha sehem maġġoritarju fil-blokka u dan kif maħsub fl-artikolu 8 tal-Kap.398 tal-Liġijiet ta' Malta, għalkemm din il-liġi ma issibx applikazzjoni billi in-numru ta' appartamenti fil-blokka huma biss tlieta. Hija tisħaq illi l-bdil tas-sistema tal-*intercom* sar minnha minħabba li dan kien bil-ħsara u ma kienx jiffunzjona bil-konsegwenza li l-utenti kollha ta' din il-blokka kienu qed ibatu. L-aġir tal-appellanti ma kkawża ebda ħsara lil parti offiża, anzi huwa ibbenifika mill-fatt illi saru ir-riparazzjonijiet meħtieġa u dan mingħajr ma kien hemm xi reklam minn naħa tal-appellanti ta' xi spejjeż inkorsi

[1] (ara per ezemplari: Il-Pulizija vs Carmel magħruf bhala Charles Farrugia App Krim 17.2.1995; Il-Pulizija vs Reno Micallef App Krim 6.6.95 u Il-Pulizija vs Mark John Sciberras App Krim 18.9.2002)

fil-bdil ta' din is-sistema mhux funzjonabbli għal waħda ġdida u funzjonabbli, Sistema li bi ftehim mal-appellanti, l-parti offiża jkun jista' jibbenefika minnha ukoll.

Illi mbagħad is-sentenza li l-parti offiża jagħmel referenza għaliha fir-risposta tiegħu għall-appell, u ċioe' Il-Pulizija vs Maria Carmela Mallia deċiża nhar it-28 ta' Jannar 2021 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, tgħid l-oppost tat-teżi minnu mressqa 'il quddiem u dan għaliex hemmhekk il-bdil ta' ħbula tal-inxir u arbli f'dak il-każ sar mill-ġudikabbli minħabba ħsara li kien hemm fl-ambjenti ta' fuq il-bejt u mhux bħala reklam ta' xi dritt pretiz, allura hija ġiet ġustament illiberata billi l-elementi ta' dritt li jsawwru r-reat ta' raggion fattasi ma kenux jissussistu, bħal kif lanqas ma jissussistu f'dan il-każ issa taħt il-lenti tal-Qorti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara is-sentenza appellata nulla u bla effett bil-liġi u bis-setgħa lilha mogħtija fl-artiklu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali tgħaddi biex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu u tillibera lill-appellanti minn kull ħtija u piena.

**Edwina Grima**

**Imħallef**